**19 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Attard Montalto et.

*versus*

Gio Maria Borg et.

**Konsorzju — Lokazzjoni — Nullità — Leġittima — Eżekutur Testamentarju — Art. 1616 u 652 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa minnu illi ħaġa ndiviża ma tistgħax tiġi mikrija minn wieħed mill-kompossessuri jew kondomini bla permess tal-kompossessur l-ieħor, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti; u dak il-kompossessur li mingħajr permess tiegħu tkun saret il-kirja jista' jaġixxi għall-annullament tagħha jekk huwa jesperixxi l-azzjoni opportuna fi żmien xahrejn minn meta sar jaf bil-kirja.*

*Iżda din l-azzjoni tispetta lill-kondomini, u kwindi mhux ukoll lill-leġittimarju; għaliex dan, sakemm ma jkunux ġew determinati l-beni assenjabbli lilu bi ħlas tal-legittima, ma hux kompossessur, u kwindi ma għandux titolu biex jesperixxi din l-azzjoni.*

*Avvolja jkun hemm nominat eżekutur testamentarju tal-wirt, l-amministrazzjoni tal-wirt, u kwindi l-fakoltà li jikri l-beni tal-wirt, tibqa' nvestita fl-eredi, jekk it-testatur ma jkunx inkariga formalment lill-eżekutur testamentarju biex jamministra l-beni ereditarji sa ma ssir il-qasma.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, billi bi skrittura privata tat-22 ta' Awissu 1960 il-konvenuti Grazia Meilak u Maria Butigieg krew lill-konvenuti Gio Maria Borg u Carlo Grima r-raba' magħruf bħala "Sienja tal-Kanun", fi trieq li mil-Mosta tieħu għal San Pawl il-Baħar, bir-razzett u raba' anness magħha tal-kejl ta' sittax il tomna, li jmiss mix-xlokk ma' proprijetà ta' Attard Montalto, mill-punent ma' Burmarrad Road, mit-tramuntana ma' raba' tal-Gvern, u mill-lvant ma'

Naxxar Road, u dan bil-pattijiet u kondizzjonijiet fl-istess skrittura stipulati, kif jidher mill-anness dok. "A"; u billi din il-lokazzjoni saret meta l-fond oġġett tagħha kien jappartjeni ndiviżament lill-atturi u lill-konvenuti Meilak u Butigieg; u illi b'dan kollu l-lokazzjoni saret minn dawn il-konvenuti lill-konvenuti l-oħra Borg u Grima mingħajr il-kunsens tal-atturi, anzi ad insaputa tagħhom; u billi l-atturi saru jafu li din il-lokazzjoni saret definittivament, u b'liema pattijiet u kondizzjonijiet, anqas minn xahrejn mil-lum; talbu (1) li l-lokazzjoni fuq imsemmija tar-raba' fuq deskritt tiġi annullata fit-termini tal-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23); (2) il-konvenuti Gio Maria Borg u Carlo Grima jiġu konsegwentement minn din il-Qorti kundannati jiżgumbraw mill-istess raba' u jikkonsenjawh lill-atturi bħala l-attwali uniċi propretarji tiegħu, fi żmien qasir li jiġi lilhom prefiss mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-14 ta' Settembru 1960;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża, il-fatti jirriżultaw biżżejjed ċari, u ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti;

Illi l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili, fejn hemm maħsub li l-kiri li jsir minn wieħed mill-kompossessuri tal-ħaġa mingħajr awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Qorti kompetenti, jew mingħajr il-kunsens ta' xi wieħed mill-kompossessuri l-oħra, jista' fuq talba ta' dan il-kompossessur l-ieħor jiġi annullat, kemm il-darba din it-talba ssir fi żmien xahrejn minn dak inhar li dan il-kompossessur l-ieħor ikun sar jaf b'dak il-kiri;

Illi l-konvenuti qegħdin jopponu t-talba għal żewġ raġunijiet:— 1. Li l-konvenuti Meilak u Butigieg, bħala eredi universali tal-assi ereditarju ta' Dr. Angelo Attard Montalto, għandhom ir-rappreżentanza tal-assi tiegħu, u l-għalqa in kwistjoni ma hemmx kwistjoni li kienet tifforma parti tal-assi tiegħu; kif ukoll għandhom l-amministrazzjoni tal-istess patrimonju; u per konsegwenza ma kellhomx

għalfejn jottjenu ebda permess minn għand l-atturi, li huma biss leġittimarji tad-decujus; (2) Li l-atturi, fi kwalunkwe każ, kienu jafu bil-lokazzjoni aktar minn xahrejn mill-jum tal-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni, u kwindi għadda ż-żmien meħtieġ għat-talba tan-nullità proposta bl-att promotorju odjern, kif jiddisponi l-artikolu fuq ċitat;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni, in kwantu hija tali li timporta l-essenza ntrinseka tad-domanda tal-atturi li ppromovewha, xjentifikament u ritwalment għandha tiġi deċiża qabel dik subordinata;

Illi qabel xejn jingħad li d-dritt tal-proprijetà assoluta u bla limitazzjoni jnissel miegħu d-dritt tal-amministrazzjoni tal-ħwejjeġ li jaqgħu f'dik l-istess proprijetà. Il-kiri, per sè, huwa att ta' amministrazzjoni, u jispetta in ġenerali lil min huwa nvestit b'dak l-istess dritt u jkollu l-kapaċità ġuridika, salvi l-każi fejn titkellem il-liġi diversament jew limitattivament, li ma jirrikorrux fil-każ in eżami (ara Duranton, 17 nru. 32 u ta' wara, u Zachariae para. 699, Nota I, Vol. IV, paġ. 255). Il-ħaġa ndiviża, però, ma tistgħax tiġi mikrija minn wieħed mill-kompossessuri jew kondomini bla permess tal-kompossessur l-ieħor, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti (ara art. 1616 Kod. Ċiv., u Zachariae para. 699 Nota 4, paġ. 256, u in partikulari paġ. 257, Vol. IV; Merlin; Repertorju, vuċi Locazione; Duvergier 3, No. 87; Troplong, Locazione, para. 100, paġ. 117 u ta' wara);

Illi, premess dak li ntqal, kif jidher mill-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex dak l-istess artikolu jista' jiġi magħmul operattiv b'suċċess, hemm bżonn li l-opponenti, jew aħjar dawk li jkunu jridu jaraw dikjarata nulla l-lokazzjoni magħmula, iridu jkunu kompossessuri fil-ħaġa lokata;

Illi dan il-fatt inkontrastat jimporta li din il-Qorti trid teżamina u taqta' l-kwistjoni jekk il-leġittimarju jistgħax jingħad li huwa kompossessur fil-patrimonju tad-decujus flimkien mal-eredi universali qabel il-likwidazzjoni tal-

patrimonju tal-mejjet u l-assenjazzjoni tal-ħwejjeġ bħala leġittima;

Illi skond l-art. 652 tal-Kodiċi Ċivili, il-leġittima hija "sehem mill-beni" tal-mejjet, riżervat jew mogħti mill-liġi lid-dixxendenti et cetera, u kwindi l-leġittimarju għandu mal-mewt tat-testatur id-dritt għal sehem mill-patrimonju tiegħu. Minn dan jitnissel illi l-leġittima, li ma hemmx lokha fis-suċċessjoni ntestata, imma biss fis-suċċessjoni testata (ara art. 651(2) tal-Kodiċi Ċivili), hija biss sehem mill-beni tal-mejjet, kif determinata, skond il-każ, mill-liġi, u li hija l-parti tal-assi tat-testatur, imsejħa dottrinalment "indisponibbli", l-għaliex it-testatur jista' biss jiddisponi mill-parti disponibbli, li skond l-liġi (art. 651(2) Kod. Ċiv.) huwa dak is-sehem tal-beni tat-testatur li minnu jista' jiddisponi;

Illi, a differenza ta' kodiċijiet oħra, (ara Basevi, Cod. Ċiv. Austriaco art. 744, Kodiċi Estense art. 334, Cod. Ċiv. Taljan tal-1865 art. 808, Kod. Ċiv. ta' Ticino art. 330, li lill-leġittimarji jsejħulhom x'uħud minnhom "eredi neċessari" u oħrajn lill-leġittima jsejħulha "porzjoni jew kwota ta' eredità"), il-liġi tagħna ssejħilha "sehem tal-beni tal-mejjet", u ma tikkunsidrahiex bħala kwota tal-eredità; u per konsegwenza mhumiex applikabbli t-teoriji u r-raġunijiet li jippresupponuha bħala kwota ereditarja. Infatti, ġie deċiż li l-leġittimarju mhuwiex eredi (ara Prim'Awla Ċivili 4 ta' Jannar 1881, "Bugeja Lombardi utrinque", Vol. IX, paġ. 297 u ta' wara). Dan huwa suffragat anki mill-Voet (ara Liber V. Ap. II, paragrafi XLIV u XLV. paġ. 869 u ta' wara, ediz. Venezia, Maratovich 1846). Din il-Qorti tinklina għal din it-teorija, għalkemm hemm xi deċiżjoni lokali waħdanija kuntrarja, safejn setgħet tara din l-istess Qorti;

Illi stabbilit dan li fuq intqal, jingħad li l-leġittimarju ma jsirx "ipso iure" possessur tal-ħwejjeġ li jistgħu jmissuh bħala leġittima ħlief meta l-istess tiġi stabbilita fil-kwalità u fl-individwalità ta' dak li ikun jikkostitwiha. Infatti Richeri, fil-"Jurisprudentia", jgħid:— "Caeterum quantumque sit legittimae favor, attamen filius non fit ipso jure possessor pro legittima, nec eam propria auctoritate acci-

pere potest; tam quia, ut saepe dicimus, legittima bonorum portio est non haereditaria (vide idem para. 6951), adeoque prodest jure fori inducta possessionis translatio a defuncto in heredem, tum quia prius scrie debet quae legittimae quantitas et quo in reconstituatur" (Vol. II, para. 7281, paġ. 683);

Illi, fid-dawl ta' dan li fuq intqal, jingħad li meta l-konvenuti Meilak u Butigieg illokaw l-għalqa in kwistjoni permezz tal-iskrittura tat-22 ta' Awissu 1960 lill-konvenuti l-oħra, id-determinazzjoni tal-individwalità tal-ħwejjeġ li kellhom jikkomponu l-leġittima kienet għadha ma saretx b'mod li s-sehem mill-beni tad-decujus li kellu jagħmel tajjeb għall-leġittima tal-atturi kien għadu ma ġiex determinat. Il-patrimonju tal-mejjet kien għadu kollu fil-pussess tal-eredi universali testamentarji, u l-likwidazzjoni tal-assi tad-decujus u l-assenjazzjoni tal-ħwejjeġ komponenti l-leġittima saret fit-12 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bonello;

Illi minn dan jitnissel li l-atturi ma kienux kompossessuri fil-għalqa in kwistjoni meta saret il-lokazzjoni kwerelata; u per konsegwenza, fl-assenza ta' dak it-titolu fl-atturi, l-applikazzjoni tal-artikolu minnhom invokat mhix possibbli skond il-liġi;

Illi ntqal li l-eżekutur testamentarju maħtur mid-decujus ma aċċettax l-inkarigu u l-Qorti nnominat wieħed fuq proposta tal-konvenuti Butigieg u Meilak, u kwindi kien jispetta lilu li jagħmel il-lokazzjonijiet; imma l-funzjoni tal-eżekutur testamentarju normalment hija dik li jagħti kors għall-intenzjoni tad-decujus skond dak li jkun iddispona u dak li jkun illega fl-istess testment; u jekk it-testatur ma jkunx formalment inkarigah biex jamministra l-assi immobiljari sa ma ssir il-qasma, din l-istess amministrazzjoni u l-pussess tal-beni immobili tibqa' nvestita fl-eredi universali. Del resto, l-eżekutur testamentarju jista' jiġi nvestit formalment mid-decujus mill-pussess minn sommom ta' flus biex jagħmlu tajjeb għall-legati jew dispożizzjonijiet oħra, u dan il-pussess ma javverax ruħu "ipso jure";

Fil-każ in eżami ma ġiex pruvat li kien hemm formal-

ment ebda nkarigu speċjali fl-eżekutur testamentarju; u kwindi l-atti amministrattivi, bħal ma huwa dak tal-kiri, baqgħu f'idejn l-eredi;

Illi di fronti għal dak li ntqal, kwalunkwe riċerka dwar oppożizzjonijiet oħra hija inutili;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kollha għall-istess atturi.